MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tat-28 ta' Settembru, 2006

Numru 854/2005

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR STEPHEN MALLIA**

**VS**

**PAUL VELLA**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Paul Vella, ta' 52 sena, bin Joseph u Pawla nee' Azzopardi, imwieled il-Mosta nhar il-31 ta' Mejju, 1953, residenti fil-fond numru 117, Marupaul, Triq it-Trincetta, Mosta, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 430453 (M);

Akkuzat talli:

1. Bejn l-10 u t-12 ta' Gunju, 2005 u fix-xhur ta' wara din id-data, u anki fis-16 ta' Gunju, 2002 u fis-snin ta' wara, fis-Siggiewi u f'diversi nhawi f'dawn il-Gzejjer,

xjentement laqa’ ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq, jew xjentement b’kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxiehom, u cioe’ vettura tal-marka *Land Rover* mudell 110 bin-numru tar-registrazzjoni originali AAP 439, u vettura tal-marka *Hyudnai Lantra* bin-numru tar-registrazzjoni originali GAH 552, liema vetturi huma rapurtati misruqa;

2. U kif ukoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, malli sar jaf li xi haga kienet fil-pussess tieghu, kienet haga misruqa jew haga mehuda b’qerq jew akkwistata b’reat, naqas li jgharraf lill-Pulizija b’dak il-fatt fi zmien gimgha minn meta kien hekk sar jaf.

Wara li rat id-dokumenti esebiti;
Wara li semghet ix-xhieda prodotta.

Ikkunsidrat:

Illi wara li rat l-Artikoli 334 u334 A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti mhix qieghda ssib lill-imsemmi mputat Paul Vella tal-ewwel (1) akkuza migjuba kontrieh u ghaldaqstant tilliberah minnha;

Izda ssibu hati tat-tieni (2) akkuza migjuba kontrieh, u ghaldaqstant tikkundannah ghal hlas ta’ multa fl-ammont ta’ mitt lira maltin (Lm100.00).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------